MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 428/2003

**Mario Borg**

**vs**

**Wayne Chetcuti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Marzu 2003 fejn l-attur espona: -

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) import ta' kambjala li mmaturat;

Illi dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *a tenur* tal-Aritkolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12),

inkluz illi l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghal din it-talba;

Illi l-konvenut baqa' ma hallasx dan id-dejn;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-attur, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax (mid-data li mmaturat il-kambjala) kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Wayne Checuti datata 10 ta’ Gunju 2003 (fol 12A) fejn espona: -

1. Illi l-kambjala in kwistjoni mhix dovuta peress li l-obbligazzjoni li kienet marbuta maghha ma sehhitx u tali kambjala baqghet ma mmaturatx.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-konvenut, li ffirma konvenju ta' kera mal-attur, dahhal l-elettriku fil-fond miftihem qabel ma skadiet il-kambjala *de quo* u ghalhekk il-kambjala ‘n kwistjoni qatt ma setghet tigi dovuta.

3. Illi l-azzjoni dwar il-kambjala ‘n kwistjoni ma tistax timxi wahedha minghajr ma ssir referenza ghall-ftehim li wassal ghall-hrug taghha, l-aktar meta din il-kambjala ma gietx girata.

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri kif premessi bil-ligi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 30 ta' Marzu 2006 a fol 113 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fid-19 ta' Ottubru 2006 il-Qorti osservat li minkejja d-digriet taghha precedenti tal- 20 ta' April 2005 u tat-8 ta' Gunju 2006 il-konvenut naqas li jressaq nota ta' sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007 fin-nuqqas ta' xkiel; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-istess Qorti l-kawza giet differita ghall-11 ta' Lulju ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-azzjoni odjerna hija azzjoni kambjarja ghall-hlas ta' Lm15,000 import ta' kambjala li mmaturat. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-validita' tal-kambjala u dwar l-import jew maturita` taghha. L-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jirrigwardaw il-ftehim li mieghu kienet marbuta tali kambjala. Il-konvenut eccepixxa li peress li dan il-ftehim ma sehhx, allura l-kambjala baqghet ma mmaturatx.

L-original tal-kambjala hu esebit a fol 10 tal-process u juri l-import imsemmi fil-kawzali tac-citazzjoni u data ta'

maturita` tas-16 ta' April 2002. Il-kambjala giet rilaxxjata fis-16 ta ' April 2001 flimkien mal-konvenju bejn il-partijiet.

**PROVI PRODOTTI**

Jirrizulta mill-iskrittura esebita bhala **DOK A** man-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 15 tal-process li fis-16 ta' April 2001, l-attur ghan-nom ta' *The Egg Take Away Ltd* kien dahal f'konvenju ghall-kiri ta' fond *Tu Tu Tango*, f'St. George's Bay, minghand il-konvenut ghan-nom tas-socjeta` *Maverick International Co. Ltd.*

Dan il-konvenju fi klawsola numru 13 jiddisponi li: -

*"The parties further agree that this promise of sale is hereby extended until the lessor obtains a water and electricity meter exclusively for third part next door which is prezently part of the same premises. This extension is conditional for a period of one year from today. <u>Should the lessor fail to obtan the required meter for third parties within this year than this promise of sale is hereby terminated and the lessee is entitled to demand payment of the expenses as per bill of exchange"</u>.* (sottolinear tal-Qorti.)

*Inoltre* fil-klawsola 12 jiddisponi li "*The promise of sale has been extended by one week from the 12th April 2001 until the 19th April 2001. The promise of sale is now extended by a further one year from today."*

Skont ix-xhieda tal-konvenut, **Wayne Chetcuti**[1] meta sar il-ftehim, kien hemm meter wiehed tad-dawl li jestendi ghal parti wahda mill-post li kien qed jinkera lill-terzi, allura kienu ntrabat li jigi mdahhal meter tad-dawl iehor ghall-parti fejn ma kienx ghadu estiz is-servizz tad-dawl. Il-kambjala kienet harget <u>bil-kundizzjoni li tissarraf jekk id-dawl ma jigix hekk estiz</u>. (sottolinear tal-Qorti.)

Wara li ghaddiet sena kien baghat lill-Inginier Peter Bonello li sussegwentement irrilaxxa rapport fuq talba

[1] A fol. 29 tal-process.

tieghu (**Dok C** esebit a fol. 18 tal-process). Hu mar fid-19 ta' April 2002 u kkonstata li fil-post hemm meter tad-dawl installat. Ix-xhud ma kienx jaf meta gie nstallat dan il-meter u ma giex installat fil-prezenza tieghu. Izda "*lill-Enginier Bonello fil-parti tal-post li ma kenitx mikrija lill-attur ma dahhaltux."*

Meta gie mistoqsi jekk sas-16 ta' April 2002 kienx installa meter fil-parti tal-fond li ma kenitx mikrija lill-attur huwa rrisponda fin-negattiv. *Inoltre* xehed li *"Nghid li fil-fatt dak li hemm imsemmi f'dik il-klawsola (13) ma kienx twettaq, pero' nispjega li dan kien sar ghaliex sadattant il-post ta' hdejn dak mikri lill-attur kien hareg minnu l-kerrej."*

Il-post ghadu maqsum fi tnejn b'meter tad-dawl wiehed.

Ikkonferma li kien hemm gja ftehim bejn il-partijiet iffirmat fi Frar 2001 izda ma kienx dahal fil-post u ma setax jikkonferma xi spejjez ghamel l-attur. Hu cahad li ffirma l-kambjala ghaliex kien inghata taghrif dettaljat dwar l-ispejjez li kien ghamel l-attur fil-post.

Qatt ma talab lill-attur li jroddlu l-kambjala lura u lanqas ha proceduri gudizzjarji rigward il-kambjala.

Rega' xehed in **kontro-ezami** quddiem l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2005 (fol. 94). Meta kera l-post lill-attur dan kellu meter tad-dawl. Izda, f'xi perjodu wara li sar il-ftehim bil-miktub, il-meter tad-dawl ittiehed minn tac-Chick King, fis-sens li qabad u mexxieh minn postu, bla ebda awtorizazzjoni minn hadd. Il- meter pero' baqa' registrat fuq l-attur. Imbaghad, il- konvenut qalilhom li kien se jgib meter iehor ghac-Chick King, izda dan qatt ma sar.

Xehed **l-attur**[2] u qal li l-kambjala giet iffirmata ghaliex inqalghet kwistjoni dwar l-arlogg tad-dawl u kienu qablu li l-konvenut igib arlogg ghall-parti l-ohra u fin-nuqqas, l-attur kien intitolat ghas-somma msemmija fil-kambjala. Spjega li l-arlogg li kellu fuq ismu nsteraq u ttiehdet fil-

[2] Seduta a fol 66 et seq. tal-process.

parti l-ohra tal-fond u ghalhekk qablu li l-konvenut jinstalla arlogg fil-parti l-ohra biex dak intestat fuq l-attur jigi ritornat u ma jinkorrix fir-riskju li dan l-akkadut jerga' jirrepeti ruhu.

Il-konvenut kellu cavetta ghall-post li ha l-attur u kien jaf x' xoghlijiet kienu qed isiru. Kellu wkoll l-ircevuti tal-ispejjez.

Dan l-arlogg baqa' ma giex.
**Konsiderazzjonijiet Legali**

L-azzjoni kambjarja hija regolata mill-**artikolu 223 *et sequitur* tal-Kodici tal-Kummerc.**

Bhala tali hawn japplikaw il-massimi ndikati fil-gurisprudenza taghna kif gie affermat fis-sentenza "**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**" (K (JDC) 15 ta' Novembru 1993) li kkonfermat li:-

"A*ppena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din* (azzjoni kambjarja)*, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti*".

Dan il-massimu hu sancit fl-artikolu **199 tal-Kap 13** "*Ma tistax issir oppozizzjoni ghall-hlas ta' kambjala hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew falliment tal-pussessur."*

Illi l-istess principju gie segwit f'diversi sentenzi fosthom "**John Mary Sammut vs Michael Cassar**" (A.K. 14 ta' Ottubru 1991) u "**George Zahra vs Alfred Borg**" (K (JSP) 28 ta' April 1995) u **"Charles Bonnici vs Anna Farrugia"** (P.A. (RCP) – 2 ta' Ottubru 2001) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha *inoltre* f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs**

**Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989)[3]; dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et vs Subway (Malta) Limited"*** (Citaz. Nru. 273/2000/RCP).

Fil-kawza fl-ismijiet "***Aldo Vella vs Vincent Lofaro et noe" -*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977,* gie ritenut li "*L-azzjoni kambjarja hi azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f'azzjoni simili - salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli reali tkun tirrkjedi li jsir mod iehor...huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjali stess."*

Mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna, johrogu principji ohra. B'hekk bħala regola, l-kambjala hija l-prova tal-kontenut tagħha, u kull allegazzjoni kontra dak li jidher fiha trid tkun sostnuta u ppruvata kif jixraq minn min jagħmel l-allegazzjoni kuntrarja (Kumm. GS 13.1.1975 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Ċefai et vs Rosario Mintoff** (mhix pubblikata). *Inoltre* min jiffirma kambjala bħala aċċettant, jidħol responsabbli għall-ħlas tagħha, (P.A. TM 18.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef** (mhix appellata).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u ghall-eccezzjonijiet sollevati, il-Qorti tqis li dawn mhumiex ammissibbli fl-*azzjoni kambjarja* ghaliex jinjoraw il-karattru awtonomu tal-kambjala li "*b'konsegwenza ta' din il-firma (fuq il-kambjala) titwieled kawza guridika gdida, li l-ligi tidentifika mal-firma li tkun saret fuq il-kambjala."*[4]

Kif jghid ***Vivante***[5] ***"****La cambiale e' un titolo di credito formale e completo, contenente l'obligazione di pagare senza comprestazione una somma determinata, alla scadenza e nel luogo che vi sono menzionati."*

[3] "*Il-pretenzjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni originali huma ghal kollox indipendenti minn dawk naxxenti mill-kambjali."*

[4] **"*John Mary Sammut v Michael Cassar*"** fuq citat.

[5] Trattato di Diritto C. Vol.III p.190

*Inoltre,* kif gustament osserva l-attur, jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess li hu baqa' inadempjenti fl-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu meta ammetta "*Dak li hemm f'dik il-klawsola (13) ma kienx twettaq....” B*'hekk japplika l-artikolu 13 tal-istess konvenju li jiddisponi, kif gja citat li : "*this promise of sale is hereby terminated and the lessee is entitled to demand payment of the expenses as per bill of exchange."* L-attur kellu kull dritt jitlob il-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza skont il-ftehim stess bejn il-partijiet in forza tal-principju legali p*acta sunt servanda*, u tad-dispost tal-artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, skont liema, ftehim jikkostitwixxi il-ligi bejn il-partijiet.

Kif gie ribadit fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **“Beacon vs Spiteri Staines”.**

*“Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata – pacta sunt servanda.”*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ser tghaddi biex tilqa' it-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa'** it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erba' u tletin elf, disa' mija u erbghin ewro u sittin centezmu (€34,940.60) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' maturita' tal-kambjala mertu tal-kawza.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------